MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Numru 388/2005

Il-Pulizija
(spettur Daniel Zammit)
vs
Jean Paul Galea

Illum 02 ta' Mejju 2005.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli:

1) Fis-16 ta' April 2005 ghall-habta ta 1250hours minn gewwa Triq ix-Xatt Gzira, ikkommetta serq ta' 'credit card' ghad-dannu ta' Paul Vincenti detentur ta' karta ta' identita bin-numru 349466M u BOV plc.
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' mitt lira maltin (LM100.00) minn ATM tal-BOV Gzira

ghad-dannu ta' Paul Vincenti u persuni ohra liema serq huwa aggravat bl-ammont.
3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Paul Vincenti u BOV plc .
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamel qligh iehor b'qerq ghad-dannu tal-imsemmi Paul Vincenti.
5) Bhala Ufficjal pubbliku kkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba il-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat minn jeddu u dan fi stadju bikri.

Issibu hati talli

1. Fis-16 ta' April 2005 ghall-habta ta 12.50hours minn gewwa Triq ix-Xatt Gzira, ikkommetta serq ta' 'credit card' ghad-dannu ta' Paul Vincenti detentur ta' karta ta' identita bin-numru 349466M u BOV plc.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' mitt lira maltin (LM100.00) minn ATM tal-BOV Gzira ghad-dannu ta' Paul Vincenti u persuni ohra liema serq huwa aggravat bl-ammont.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Paul Vincenti u BOV plc .
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor ghamel qligh iehor b'qerq ghad-dannu tal-imsemmi Paul Vincenti.

5. Bhala Ufficjal pubbliku kkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba il-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Wara li semghet lil partijiet.
Wara li semghet lil akkuzat jaghmel ammissjoni bikrija.
Wara li rat il-fedina penali netta tal-akkuzat.
Wara li semghet il-fatt li l-akkuzat ikkollabora pjenament mal-pulizija kif ukoll li kkompensa finalment lid-derubat.

Rat l-artikoli ................

Il-Qorti tara li minflok il-piena stipulata mill-ligi tapplika l-Artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li, minflok il-piena stipulata mill-ligi, l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------